


# Il-logħob tan-nar f'Malta
## *(it-tieni parti)*

### Kitba Carlston Grima

Maż-żmien bdew jiġu t-Taljani f'pajjiżna u tawna l-ewwel murtali tal-kulur. Fost dawn it-Taljani nsibu lill-famuż Filippu Caffarelli minn Katanja u Antonio Balzano, illi għamlu kuntatt ma' ħafna dilettanti u anke ħadmu n-nar fil-kmamar Maltin fosthom tas-Siġġiewi, ta' Ħal Lija, Birkirkara u Ħal Balzan (Farrugia 28-9). In-nanniet tagħna baqgħu jiftakru l-festi li komplew iżejnu b'dawn il-wirjiet ta' logħob mill-barranin l-aktar ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, Santa Liena f'Birkirkara u s-Salvatur ta' Ħal Lija. L-istess għall-festa tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina fl-1921 fejn kienet saret wirja kbira ta' murtali tal-kulur fuq il-baħar. Aktar ma għadda ż-żmien, il-Maltin komplew jitgħallmu u mis-snin tal-Kavallieri, meta dawn kienu jinfexxu f'batterija ta' sparar biex juru l-ferħ tar-rebħ wara xi battalja, bdiet evoluzzjoni sħiħa b'nar ta' għamla u saħħa aktar kif titlob l-arti piroteknika (Coleiro 52-3). Fil-fatt bdew isiru spettakli b'salutijiet, murtali bil-logħob anke dawk ikkuluriti, kaxxi infernali u baraxxijiet. Il-kmamar tan-nar Maltin attivi f'dak iż-żmien kienu dawk tas-Siġġiewi, Ħal Lija, Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara, Ħ'Attard u Ħal Qormi. Dawn il-kmamar kienu propjetà privata, propjetà tal-każini tal-baned jew tal-Knisja (Farrugia 27).



*Ritratt Nicholas Cassar: Ir-replika tal-faċċata tal-knisja ta' San Nikola, Siġġiewi*

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-logħob tan-nar fil-festi tar-raħal u spettakli oħra kienu projbiti. Fl-1950, wara l-esperjenza qarsa tal-gwerra, il-festi u l-logħob tan-nar reġgħu bdew bil-mod; żewġ modi biex inessu l-kruha u l-uġigħ tal-gwerra. L-ekonomija bdiet tirkupra speċjalment wara l-Indipendenza fl-1964. Beda jsir iktar żvilupp u ntefqu iktar flus fil-festi Maltin, kemm dawk primarji u sekondarji, tant li kibru u ġibdu ħafna turisti lejhom. Il-logħob tan-nar lagħab parti importanti f'dan kollu. Il-logħob tan-nar mhux talli tella' 'l fuq il-festi lokali għall-Maltin u għad-dilettanti tan-nar imma anke għat-turisti li jgawdu dawn l-ispettakli bla ħlas. Għalhekk it-'turiżmu għan-nar' dejjem qed jiżdied, u anke l-esperti fil-piroteknika kull sajf jiġu Malta biex jaraw il-kwalità tal-logħob tan-nar tal-Maltin (Farrugia 29).

Fl-imgħoddi, il-logħob tan-nar kien jikkonsisti f'xi faċċata ta' knisja mixgħula b'gassijiet ta' kull lewn, imwaqqfa fuq pilastri tal-injam li kienu jqabbduhom b'lasta b'gass ieħor fil-ponta. Dawn il-biċċiet tan-nar kellhom dehra sabiħa meta jinxtegħlu, ħafna drabi lejlet il-festa u ġieli wkoll f'għeluqha. Kull biċċa nar bdiet tieħu sura ta' varjetà fil-logħob. tal-logħob tan-nar tal-art fil-festi (Coleiro 53).

Man-nar tal-art jidħlu l-ħsejjes li jġib miegħu n-nar tal-ajru. Il-murtali tal-bomba jqanqlu aktar kontroversji minn dawk tal-kulur. Il-kaxxa Spanjola għandha wkoll it-



tifsira tagħha u jidher li l-isem tnissel mill-isparar fil-gwerra ċivili ta' Spanja fl-aħħar tas-snin tletin. Il-kaxxa Spanjola baqgħet magħrufa f'xi rħula bħala batterija, u fil-ħoss tixbah l-isfog tan-nar fuq l-art bl-isparar tal-maskli. Il-kaxxa timla s-sema b'ħafna duħħan, xi kultant duħħan bil-kulur u xi drabi oħra mżewqa wkoll bl-isfafar. Din l-għamla ta' logħob tan-nar tal-ajru tiġi wara l-wieħed u għoxrin tir li jiġu sparati mill-kanni bħala salut, b'tislima lill-vara tal-qaddis wara l-ħruġ tagħha mill-knisja (Coleiro 53).

In-nar tal-ajru, bħal kull biċċa oħra tan-nar, għandu lista ta' taqsimiet b'ismijiet partikolari li daħlu fil-vokabularju tad-dilettanti. Kif jiġri dejjem wara l-kaxxa infernali mal-ħruġ tal-purċissjoni, isir dak li jissejjaħ l-akkumpanjament bil-murtaletti ta' tliet fetqiet* u xi drabi aktar, skont kemm-il darba jinfetħu d-dwawar tal-logħob iżda kollha jagħlqu bil-bomba tal-aħħar (Coleiro 54).



Ritratt Ryan Azzopardi: Fetħa kulur

Fil-festi naraw aktar murtali u fosthom hemm dawk li jsibuhom "tal-imsielet", għax fid-dwawar tagħhom joħorġu bħal imsielet bit-trikkitrakki, bombi żgħar li jfaqqgħu huma u jiddendlu mal-ftuħ li joħroġ f'kull dawra. Ma' nżul ix-xemx niltaqgħu ma' dawk tal-"beraq pront" u oħrajn tad-"dawl" li jixegħlu s-sema mal-ftuħ tagħhom. Il-"blalen" daħlu wkoll fil-programm tan-nar



Ritratt Mark Micallef Perconte: Sfera

tal-ajru b'tondjatura ta' ballun ikkulurit, u l-"isfejjer" ikomplu jżewqu dan l-ispettaklu. Żgur li l-murtali tal-kulur itellgħu tassew 'il fuq is-sengħa tal-piroteknika bi ċrieki, wieħed jiftaħ wara l-ieħor. Hemm anke s-"serpentella", il-kuluri li jserrpu u jfexfxu fis-sema, li għadhom magħna sal-lum. Illum inqatgħet il-musketterija tal-kulur imdendla ma' xi arblu. Ix-"xokkijiet" li daħlu minn ftit tas-snin ilu 'l hawn komplew jaġġornaw l-istil u l-għamla tal-logħob tan-nar tal-ajru. Dawn huma murtali li jitilgħu f'daqqa f'geġwiġija ta' lwien u ħsejjes u jiġu wara l-kaxxa infernali tal-kulur u xi drabi wkoll wara l-"Ispanjola" (Coleiro 54-5).

***N.B. * Il-kelma "fetqiet" f'ċertu lokalitajiet tfisser fetħiet.***

*(L-aħħar parti tal-istorja tal-logħob tan-nar tkompli fil-ħarġa tas-sena d-dieħla)*

**Biblijografija**


- Aquilina, Isaac, "In-Nar f'Ħal Għargħur: Storja ta' Raħal u ftit tagħrif ġenerali." Malta: Bonnici P., 2010. Stampat.
- Coleiro, Charles. "Il-Festi Tagħna", Malta: PIN, 2003. Stampat.
- Farrugia, Godfrey. *Pyrotechnic Malta.* Malta: Best Print, 2012. Stampat.
- Lancaster, Ronald. *Fireworks: Principles and Practice* (it-3et ed.i). L-Istati Uniti: *Chemical Publishing Co., Inc.,* 1998. Stampat.
- Mallia, Phyllisienne. 'Il-Logħob tan-Nar: Stħarriġ Etnografiku bi Glossarju.' Teżi tal-BA (Unuri). L-Università ta' Malta, 2008. Stampata.